A.L. 4 ta' l-2009

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI

(KAP. 12)

Regolamenti ta' l-2009 dwar Drittijiet li itħallsu lil Irkantaturi Pubbliċi jew Sensala f'Bejgħ b'Irkant fil-Qorti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 319(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), il-Ministru tal-Ġustizzja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2009 dwar Drittijiet li jitħallsu lil Irkantaturi Pubbliċi jew Sensala f'Bejgħ b'Irkant fil-Qorti.

Drittijiet li jitħallsu. Kap. 12.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet tat-Tariffa D tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kull irkantatur pubbliku jew sensal għandu, fuq bejgħ magħmul b'irkant fil-Qorti, jitħallas id-drittijiet li ġejjin:

(a) fil-każ ta' irkant ta' immobbli, ta' jeddijiet imgħaqdin ma' immobbli, ta' bastimenti jew ta' azjendi kummerċjali	żero punt tnejn fil-mija tal-valur ta' l-oġġett mibjugħ, mingħand il-bejjiegħ biss; u
(b) fil-każ ta' irkant ta' mobbli	żero punt wieħed fil-mija tal-valur ta' l-oġġett mibjugħ, mingħand il-bejjiegħ biss:

Iżda l-partijiet jistgħu jiftiehmu, bil-miktub, li l-irkantatur pubbliku jew is-sensal, kif ikun il-każ, jitħallas drittijiet differenti, li ma jkunux inqas minn dawk previsti fil-paragrafi (a) u (b), u f'dawk il-proporzjonijiet li jistgħu hekk jiftiehmu bil-miktub.